MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 399/2006

**Salomone John sive Ian**

**vs**

**Alfred Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna ta' l-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u erbatax – il Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (LM2,914.56,0), arretrati ta' kera tal-fond bin-numru 240, Rue D'Argens, Gzira, Malta kwantu ghal elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0), ta' sittin skadenza trimestrali ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0) –il wahda, li jkopru l-perjodu mis-7 ta' Settembru tas-sena 1981 sas-6 ta' Settembru tas-sena**

**1996 u kwantu ghal elf, mija u erbatax –il Lira Maltin u sitta u hamsin centezamu, (LM1414.56,0) ta' tnejn u sebghin skadenza trimestrali mis-7 ta' Settembru tas-sena 1996 sas-6 ta' Marzu tas-sena 2007;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-20 ta' Gunju tas-sena 2006 u bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-19 ta' Gunju tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur John sive Ian Salomone bl-ispejjez kontra l-konvenut Alfred Grech.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------